

# Sena Straordinarja

**Clayton Vella**
*Direttur*

Insellmilkom! Din hija l-ewwel sena tiegħi illi qed nikteb fil-kariga ta' Direttur. Ma kinitx deċiżjoni faċli illi nidħol għal din il-kariga iżda wara li l-predeċessur tiegħi John Schembri ma kienx ser jerġa' joħroġ għal din il-kariga minħabba raġunijiet ta' saħħa, u wara l-mewta traġika ta' seħibna Charles Borg li ġrat fil-bidu tas-sena, ħassejt illi għall-ġid tal-każin għandi nitfa' n-nomina tiegħi għal Direttur. Din is-sena ma tantx kienet sena faċli għall-Għaqda tagħna għax minbarra t-telfa ta' Charles Borg kellna t-telfa ta' Carmen Cini, eżattament nhar il-jum tal-funeral ta' Charles, u aktar kmieni t-telfa ta' Anthony Grech, tliet ħasdiet kbar għall-Għaqda. U dan mhux biss, l-għaliex f'Marzu faqqgħet il-pandemija tal- COVID-19 li affettwat lil kull individwu u soċjetà!

F'dawn il-kelmtejn ser nkun qed nikteb fuq xi xogħlijiet illi saru ġewwa l-każin matul din is-sena.

Kien propju ftit wara li saret is-Seduta Ġenerali u ġejt maħtur direttur meta feġġet il-pandemija COVID-19 u għalhekk sfortunatament bħal kważi kull stabbiliment ieħor ġewwa Malta, il-Każin kellu jagħlaq. Kienet deċiżjoni ta' diqa illi tara l-każin magħluq imma kienet direttiva maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika li kull soċjetà riedet issegwi. Din il-pandemija kienet esperjenza differenti minn kull ħaġa oħra, l-għaliex anke jekk tkun qed titkellem mal-anzjani jgħidulek illi lanqas fi żmien il-gwerra ma kien għalaq il-każin. Iżda kif jgħidu, mill-mitluf ħu li tista' .

Xammarna jdejna u bdejna xi xogħlijiet ta' manutenzjoni ġewwa l-każin li kien wasal iż-żmien li jsiru u li bil-każin magħluq, kien iż-żmien opportun biex isiru għax tkun tista' taħdem iktar komdu. Flimkien ma' xi membri tal-Kummissjoni Żgħażagħ ix-xogħol beda; dejjem rajna li waqt ix-xogħlijiet ma nkunux iżjed minn tliet persuni fl-istess ħin biex xorta żammejna mal-protokolli maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa. Għall-ewwel bdejna bl-arblu fejn dan ġie xkatlat kompletament u miżbugħ mill-ġdid. Komplejna s-sala tat-tieni sular fejn din ġiet miżbugħa kollha mill-ġdid u partijiet minnha reġa' sar kisi mill-ġdid. Ħaġa taqla' lill-oħra u komplejna biż-żbigħ tat-tromba tat-taraġ u tat-tromba ta' fuq, kif ukoll ix-xaftijiet u l-faċċata tat-tromba. Il-ħadid tal-gallarija ta' wara kellu bżonn wkoll naqra żebgħa u għalhekk sar ukoll.

Apparti xogħlijiet fuq il-binja nnifisha, kien hemm il-ħtieġa wkoll illi l-leġijiet li jintużaw għall-banda jiġu miżbugħa u kien għalhekk li kif konna fiż-żifna dawn saru wkoll.

Dawn huma ftit mix-xogħlijiet illi saru waqt li l-każin kien magħluq. Bħal kull xogħol ieħor ta' manutenzjoni, wara jkun imiss ukoll tindifa sewwa u għalhekk minn hawn nirringrazzja fost oħrajn lin-nisa tal-Kummissjoni Banda u Kor illi ġew u taw daqqa t'id biex meta l-każin reġa' fetaħ il-bibien tiegħu, dan kien nadif kif jixraq.

Nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha, lil sħabi tal-Kumitat u lil dawk li qed jaqraw din il-pubblikazzjoni biex, fiċ-ċirkustanzi illi ninsabu fihom ilkoll, bi prudenza xierqa nieħdu pjaċir flimkien.

Żuru l-website tal-Għaqda Mużikali Imperial
**www.imperialbandclub.com**
Segwu l-paġna facebook tal-Għaqda fuq
**https://www.facebook.com/imperialAD1930**
Ikkuntattjawna fuq
**info@imperialbandclub.com**


TRAMUN TAGHNA
You're in for a treat
3 hours
Free Parking
on a first come first
served basis &
Kids Menu
available!
db Seabank
RESORT + SPA
Reservations - +356 2289 1774


PARADISE BAY
RESORT
THE PERFECT GET-AWAY FOR A UNIQUE
DINING EXPERIENCE!
K Lounge
bar and restaurant
The K-Lounge, within the Paradise Bay Resort,
offers an a la carte menu, serving salads, pasta, pizza,
grills and desserts with a Mediterranean influence within
a relaxed, friendly atmosphere and breathtaking views.
For bookings please call 21 521166
info@paradise-bay.com
Find us on
www.paradise-bay.com